**KUNSILL LOKALI L-IKLIN**

# Kunsill Lokali L-Iklin

Rapport Annwali Amministrattiv

## Sena 2011

Werrej

| | |
|---|---|
| L-introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| Il-Kunsill Lokali | 2 |
| Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill | 15 |
| Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mill-Bank | 19 |
| L-iskeda tal-Varjazzjoni fid-Dħul u fl-Infieq | 20 |
| Ir-Rapport tal-Awditur | 23 |
| Il-'Financial Statements' | 24 |

# L-introduzzjoni tas-Sindku

Il-Kunsill baqa' jkabbar l-efficċjenza tiegħu b'riżq ir-residenti u l-lokalità.

L-Ambjent baqa' prjorità u għamilna ħilitna kollha biex komplejna nsebħu l-Ambjent ta' madwarna.

Il-konsultazzjoni ma' diversi Ministeri, Dipartimenti u Entitajiet Pubbliċi u Privati ma waqqfet qatt. Il-Kunsill iltaqa' regolarment u l-livell tad-diskussjonijiet kien ta' livell tajjeb ħafna.

Il-Kunsill kompla jibni fuq is-snin preċedenti favur l-ambjent fejn il-Kunsill applika taħt Priority Axis 3 - il-Miżura 323 taħt European Agricultural Fund for Rural Development 2007-2013 u kkwalifika għal *grant* ta' kważi €200,000 fondi mill-Unjoni Ewropea u mill-Gvern Ċentrali biex nirrestawra ħitan tas-sejjieħ fiż-żona rurali fil-lokalità.

Nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi lejn il-Membri tal-Kunsill, Is-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff kollu tal-Kunsill u lil dawk kollha li b'xi mod taw il-kontribut tagħhom b'riżq il-komunità li aħna nirrappreżentaw.

Anthony Dalli
Sindku

## 2.1 Il-Kunsill

Matul is-sena 2011 saru tnejn u għoxrin seduta tal-Kunsill f'dawn id-dati:

| | | |
|---|---|---|
| Seduta nru. 60 | It-Tnejn 10/01/2011 | 2011 |
| Seduta nru. 61 | It-Tnejn 24/01/2011 | 2011 |
| Seduta nru. 62 | It-Tnejn 14/02/2011 | 2011 |
| Seduta nru. 63 | It-Tnejn 28/02/2011 | 2011 |
| Seduta nru. 64 | It-Tnejn 14/03/2011 | 2011 |
| Seduta nru. 65 | It-Tlieta 28/03/2011 | 2011 |
| Seduta nru. 66 | It-Tnejn 11/04/2011 | 2011 |
| Seduta nru. 67 | It-Tnejn 25/04/2011 | 2011 |
| Seduta nru. 68 | It-Tnejn 09/05/2011 | 2011 |
| Seduta nru. 69 | It-Tnejn 23/05/2011 | 2011 |
| Seduta nru. 70 | It-Tnejn 13/06/2011 | 2011 |
| Seduta nru. 71 | Il-Tnejn 27/06/2011 | 2011 |
| Seduta nru. 72 | It-Tnejn 11/07/2011 | 2011 |
| Seduta nru. 73 | It-Tnejn 25/07/2011 | 2011 |
| Seduta nru. 74 | It-Tnejn 22/08/2011 | 2011 |
| Seduta nru. 75 | It-Tnejn 12/09/2011 | 2011 |
| Seduta nru. 76 | It-Tnejn 26/09/2011 | 2011 |
| Seduta nru. 77 | It-Tnejn 10/10/2011 | 2011 |
| Seduta nru. 78 | It-Tnejn 24/11/2011 | 2011 |
| Seduta nru. 79 | It-Tnejn 14/11/2011 | 2011 |
| Seduta nru. 80 | It-Tnejn 28/11/2011 | 2011 |
| Seduta nru. 81 | It-Tnejn 12/12/2011 | 2011 |

| **Kariga** | **Attendenza għall-laqgħa tal-Kunsill** | |
|---|---|---|
| | (persentaġġ u n-numru ta' laqgħat) | |
| **Sindku** | | |
| Anthony Dalli | 100% | (22) |
| **Viċi-Sindku** | | |
| Yvonne Bartolo1 | 100% | (22) |
| **Kunsilliera** | | |
| Margaret Zammit | 100% | (22) |
| Ronald Cauchi | 100% | (22) |
| Carmel Caruana | 100% | (22) |
| **Segretarju Eżekuttiv** | | |
| Alfred Naudi | 100% | (12) |
| (Tmiem tal-impjieg) | | |
| Etienne Montfort | 100% | (10) |

## IS-SITT KUNSILL LOKALI TAL-IKLIN



## Ritratt meħud fl-okkażjoni ta' Jum l-Iklin 2011

***Mix-Xellug għal-lemin:***

Carmel Caruana (Kunsillier); Yvonne Bartolo (Viċi-Sindku); Anthony Dalli (Sindku); Etienne Montfort(Segretarju Eżekuttiv; Margaret Zammit (Kunsillier); Ronald Cauchi (Kunsillier)

**IL-MEMBRI TAL-KUNSILL**

Ir-Responsabbiltajiet mogħtija mill-Kunsill lil kull wieħed mill-Kunsilliera kienet kif ġej:



**Anthony Dalli –**

Bħala Sindku għandu dawn ir-responsabilitajiet: Finanzi u Amministrazzjoni, Ordni Pubblika, Informazzjoni, Proġetti Kapitali, Kostruzzjoni u Manutenzjoni, Devoluzzjoni, Immaniġġjar tat-Traffiku, u skema ta' Parkeġġ għar-Residenti, Anzjani u Ħarsien tal-Komunità.



**Yvonne Bartolo –** Bħala Kunsillier għandha dawn ir-Responsabbiltajiet: Familja u Solidarajetà Soċjali, Saħħa, Ambjent Relazzjoni mad-Dipartimenti tal-Gvern u Korporazzjonijiet.



**Margaret Zammit** – Bħala Kunsillier għandha dawn ir-Responsabilitajiet: Drittijiet tal-Konsumatur, Bye-Laws, Żvilupp fil-Lokalità.



**Ronnie Cauchi .** Bħala Kunsillier għandu dawn ir-Responsabbiltajiet: Solidarjetà Soċjali, Saħħa, Anzjani, Persuni bi Bżonnijiet Speċjali, Persuni li jaħdmu għar-rashom (self-employed).



**Carmel Caruana** – Bħala Kunsillier għandu dawn ir-Responsabbiltajiet: Indafa Pubblika, Turiżmu, Kummerċ Lokali.



**Alfred Naudi** – Bħala Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju jikkordina u jamministra x-xogħol kollu kif stipulat fil-liġi. Huwa jieħu ħsieb jesegwixxi bl-aħjar mod possibbli d-deċiżjonijiet tal-Kunsill filwaqt li jassisti u jagħti r-rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill fid-deċiżjonijiet tiegħu. Is-Segretarju jassigura wkoll li jinżammu l-kotba finanzjarji aġġornati u korretti f'kull ħin filwaqt li jżomm *records* ċari u aġġornati biex ikunu ta' ulitità fix-xogħol tal-Kunsill. Huwa jieħu ħsieb ukoll li jingħata l-aqwa servizz lir-residenti.



**Etienne Montfort** – Inħatar Aġent Segretarju Eżekuttiv mall-Kunsill Lokali Iklin nhar il-11 ta' Lulju 2011. Fil-5 ta' Ottubru 2011, irċieva l-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv. Bħala Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju jikkordina u jamministra x-xogħol kollu kif stipulat fil-liġi. Huwa jieħu ħsieb jesegwixxi bl-aħjar mod possibbli d-deċiżjonijiet tal-Kunsill filwaqt li jassisti u jagħti r-rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill fid-deċiżjonijiet tiegħu. Is-Segretarju jassigura wkoll li jinżammu l-kotba finanzjarji aġġornati u korretti f'kull ħin filwaqt li jżomm *records* ċari u aġġornati biex ikunu ta' ulitità fix-xogħol tal-Kunsill. Huwa jieħu ħsieb ukoll li jingħata l-aqwa servizz lir-residenti.



**L-impjegati tal-Kunsill Lokali L-Iklin**



Xogħol infrastrutturali fi Triq Patri Marjanu Vella k/m Triq Ċensu Busuttil, L-Iklin



Titjib u Tisbieħ taż-żona (Upgrade of Parking scheme)


Rikostruzzjoni/Restawr tal-ħitan tas-sejjieħ


Rikostruzzjoni/Restawr tal-ħitan tas-sejjieħ


Rikostruzzjoni/Restawr tal-ħitan tas-sejjieħ


Rikostruzzjoni/Restawr tal-ħitan tas-sejjieħ


Rikostruzzjoni/Restawr tal-ħitan tas-sejjieħ


Rikostruzzjoni/Restawr tal-ħitan tas-sejjieħ

F'Awwissu 2011, il-Kunsill Lokali L-iklin beda l-proġett tal-ħitan tas-sejjieħ wara li kien applika għall-fondi u kkwalifika għal dan l-investiment taħt Priority Axis 3 – Miżura 323 taħt European Agricultural Fund For Rural Development – Rural Development Programme 2007 – 2013. Dan il-proġett huwa ko-finanzjat mill-fondi tal-Unjoni Ewropeja u l-Gvern ta' Malta. Ir-rata tal-ko-finanzjament huwa dan: 75% European Union 25% Government of Malta. Wara li l-Kunsill ħareġ sejħa għall-Offerti u ntrebaħ mill-kuntrattur Bonnici's Brothers Ltd, dan l-investiment ġie mfassal fuq tliet fażijiet: L-ewwel fażi tal-proġett fuq il-ħitan tas-sejjieħ kien fi Triq Erin Serracino Inglott. It-tieni fażi tal-proġett kien fuq il-ħitan ta-sejjieħ fi Trejqet San Mikiel, u t-tielet u l-aħħar fażi tal-proġett kien il-ħitan tas-sejjieħ fi Triq ir-Razzett l-Aħmar. Il-Kunsill intensifika l-ħidma tiegħu fuq dan il-proġett biex iżomm ma' *timelines* u l-istess kundizzjonijiet tal-kuntratt.



**Diskors tas-Sindku Anthony Dalli waqt serata mużiko-letterarja li ttellgħet f'Wesgħa J.B. Scicluna, L-Iklin fl-okkażjoni ta' Jum L-Iklin is-Sibt, 16 ta' Settembru 2011**



Sindku, Viċi-Sindku, u l-Kunsilliera flimkien ma' mistednin oħra waqt is-serata mużiko-letterarja

# Serata organizzata mill-Kunsill Lokali L-Iklin bis-sehem tat-talent lokali fil-qasam mużikali u tal-letteratura.



Compère: Mireille Cordina



Prof. Charles Briffa



Kantant: Aldo Busuttil



Mużiċista żgħażugħ prodott tal-lokal



Tifkira ta' Apprezzament lill-ex Kunsillier Chris Scicluna tas-servizz tiegħu fil-Kunsill



Tifkira ta' Apprezzament lill-ex Kunsillier Frank St. John tas-servizz tiegħu fil-Kunsill



Tifkira ta' Apprezzament lis-Sur Alfred Naudi, ex-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill





Titjib u tisbieħ tal-playingfield

Tibdil ta' *rubber flooring* għas-sigurtà tat-tfal







Servizz tal-wifi fiż-żona urbana

Kampanja edukattiva favur l-ambjent fil-lokal






Manutenzjoni tal-bus shelter li hemm fil-By-Pass

Mobile signs għal waqt ix-xogħlijiet tal-Kunsill



Attivitajiet tal-Milied organizzati mill-Kunsill Lokali L-Iklin





L-attività 'Ġej il-Father Christmas'



**Xogħol infrastrutturali fi Triq Fredrick Borg asfaltata bi tarmac taħt l-iskema tal-PPP**




**Dettall minn Triq Fredrick Borg L-Iklin**

## FINANZJAMENT

Din is-sena d-dħul mill-Gvern Ċentrali kien ta' Eur215,250. Din il-figura tiżdied ma' dħul ieħor li l-Kunsill idaħħal minn permessi li joħroġ bħal depożitu ta' makkinarju fit-toroq, u permessi oħra u imgħaxijiet tal-Bank.

Din l-allokazzjoni finanzjarja ġiet imqassma skont dawn il-funzjonijiet. Għall-parki u ġonna, u soft areas, il-vot kien ta' Eur3,043, għall-manutenzjoni ta' toroq, il-vot kien ta' Eur74, 925 li jinkludi wkoll it-tindif tat-toroq. Għall-immaniġġjar tal-iskart, il-vot kien ta' Eur45,228. Il-vot dwar in-nefqa għall-amministrazzjoni kienet ta' Eur78,875 filwaqt li l-ammont għal tipping fees, il-vot kien ta' Eur13,197.
Il-Kunsill dejjem mexxa b'għaqal kbir u responsabbiltà u amministra l-fondi għall-ġid tal-lokalità fejn żamm bilanċ bejn dak li hu infiq amministrattiv u dak kapitali.

## LAQGĦAT

Skont ma' titlob il-liġi, il-Kunsill għandu jsejjaħ laqgħa tal-anqas darba fix-xahar. Mill-1 ta' Jannar 2011 sa' llum, il-Kunsill iltaqa' formalment 22 darba. Dan ifisser medja ta' żewġ laqgħat fix-xahar. L-attendenza tal-membri tal-Kunsill għall-laqgħat kienet sodisfaċenti. Dawn il-laqgħat huma pubbliċi u r-residenti tal-lokalità jistgħu jattendu għal dawn il-laqgħat bħala osservaturi.

Il-Kunsill huwa obbligat bil-liġi li jsejjaħ laqgħa tal-lokalità għar-residenti kollha tal-anqas darba fis-sena biex jisma l-ilmenti u s-suġġerimenti tar-residenti li jistgħu jgħinu lill-Kunsill meta jiġi mfassal il-budget għas-sena l-ġdida.

Minbarra l-laqgħat tal-Kunsill, inżammu numru ta' laqgħat oħra dwar servizzi ta' perizja, laqgħat mal-Avukat tal-Kunsill, laqgħat mal-Accountant, u laqgħat oħra mal-konsulenti tal-Kunsill dwar permessi ta' żvilupp fil-lokalità tal-Iklin. Ma' dawn kien hemm diversi laqgħat oħra ma' Ministeri u Dipartimenti, u entitajiet oħra.

Is-Sindku u l-istaff iżommu laqgħat regolari matul ix-xahar dwar ix-xogħol amministrattiv tal-Kunsill, problemi li jinqalgħu mingħand ir-residenti li jkunu ta' ċertu urġenza u/jew suġġerimenti għat-titjib tas-servizzi li joffri l-Kunsill.

## PROĠETTI TAĦT L-ISKEMA TAL-PUBLIC PRIVATE PARTENRSHIP FUQ TOROQ

Fl-ewwel kwart ta' din is-sena, il-Kunsill Lokali L-Iklin wettaq l-ewwel proġett tiegħu li kien jikkonsisti f'resurfacing works fi Triq Fredrick Borg taħt l-iskema tal-PPP. Il-Kunsill Lokali kien identifika żewġ toroq u kien pront sabiex japplika għal din l-iskema ta' fondi speċjali 2010 biex ikun jista' jwettaq xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq Fredrick Borg u Triq il-Ħwawar.

Ix-xogħol fuq Triq Fredrick Borg sar mill-kuntrattur Road Servicing Ltd fejn ġie ċċertifikat ix-xogħol mill-*contract manager* tal-Kunsill, Valerio Schembri Project Workshop Ltd. Dan ifisser li parti mill-ispiża qed toħroġ mingħand il-Gvern Ċentrali u l-parti l-oħra tkun a spejjeż tal-Kunsill.

Dwar il-proġett ta' Triq il-Ħwawar, minħabba li kien hemm diffikultajiet dwar id-drenaġġ fl-imsemmija triq, u minkejja diversi korrispondenza u pressjoni min-naħa tal-Kunsill mall-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (Sezzjoni tad-Drenaġġ) matul dawn l-aħħar xhur biex jinbeda dan il-proġett, sallum il-Kunsill għadu qed jistenna lill-WSC biex toħroġ LA biex isir il-*main sewer* ġdid u b'hekk ikun jista jibda x-xogħol fuq is-servizzi u tingħata wiċċ ġdid bi tarmac. Nel frattemp, il-Kunsill għamel numru ta' *site inspections* flimkien mall-kuntrattur fl-imsemmija triq fejn ġie kkummissjunat *surveyor* biex jagħtina rapport fuq il-livelli tat-triq biex meta jasal il-ħin opportun li tingħata wiċċ ġdid bi tarmac, il-kuntrattur ikollu l-livelli biex it-triq ma tibqax iżżomm l-ilmijiet tax-xita quddiem numru ta' residenzi privati kif qed jiġri sa llum.

## FONDI MILL-UNJONI EWROPEJA U L-GVERN ĊENTRALI

B'sodisfazzjon kbir ngħid li dan il-Kunsill, għall-ewwel darba fl-istorja tiegħu rnexxielu jikseb ko-finanzjament mill-Unjoni Ewropeja 90% u 10% mingħand il-Gvern Ċentrali biex isir ir-restawr u rikostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq Erin Serracino Inglott, Triq San Mikiel, u Triq ir-Razzett l-Aħmar li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-lokalità tal-Iklin. Dawn il-fondi ġejjin mill-European Agricultural Fund for Rural Development taħt il-miżura 323 Conservation and Upgrading of the Rural Heritage 2007-2013. F'Lulju li għadda, il-Kunsill ta l-offerta lill-kuntrattur Bonnici Bros. Cont. Ltd biex jibda x-xogħol fuq dan il-proġett. Bi pjaċir ngħid li x-xogħol ta' restawr u rikostruzzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ miexi kif previst u skont il-kundizzjonijiet tal-kuntratt u skont il-permessi tal-MEPA. Il-Kunsill qed jieħu ħsieb jamministra dan il-proġett taħt il-kura u d-direzzjoni tal-Paying Agency li taqa' taħt il-Ministeru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali.

Ma' tmiem dan il-proġett li huwa mistenni jasal fi tmiem tiegħu fit-tielet kwart tas-sena d-dieħla 2012, il-Kunsill Lokali L-Iklin ser ikun ibbenifika minn Eur193,794.27c.

## URBAN IMPROVEMENT FUND

Il-Kunsill Lokali L-Iklin ibbenifika wkoll minn fondi oħra tal-MEPA. Dan huwa l-Urban Improvement Fund. Il-proġetti konnessi ma' dawn il-fondi huma Upgrading of Parking Scheme for junction fi Triq Patri Marjanu Vella k/m Triq Ċensu Busuttil u l-proġett l-ieħor huwa maħsub biex isir titjib fi traffic management fi Triq il-Wied k/m Triq il-Ħwawar.

Fl-10 ta' Novembru li għadda, il-Kunsill beda l-proġett ta' Triq Patri Marjanu Vella k/m Triq Ċensu Busuttil bl-iskop li jiżdied in-numru ta' parkeġġi f'din iż-żona u jitjieb l-aċċess. Ma' dan it-titjib, il-Kunsill iddeċieda li jabbelixxi wkoll soft area eżistenti. L-ispiża totali biex isir dan it-titjib ser tlaħħaq iċ-ċifra ta' Eur17,408.17c filwaqt li x-xogħol ta' soft area ser tlaħħaq Eur1,062.00c.

Minkejja xi nkonvenjenzi u diffikultajiet oħra li ltqajna magħhom matul il-lant tax-xogħol, speċjalment biex tikkordina x-xogħol bejn kuntratturi differenti, huwa maħsub li x-xogħol jitlesta fi ftit tal-ġranet oħra.

## BINI TA' UFFIĊĊJU ĠDID

L-applikazzjoni dwar il-bini ta' uffiċċju ġdid tal-Kunsill għadu mweħħel għand il-MEPA. Is-Sindku Anthony Dalli talab biex issir laqgħa urġenti mal-Awtorità, liema laqgħa saret nhar it-12 ta' Ottubru 2011. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm il-Perit Edwin Mintoff, bħala rappreżentant tal-Kunsill. Għan-naħa tal-MEPA, kienu preżenti s-sinjuri Frans Mallia (Asst. Direttur), Odette Baldacchino, Jeremy Portelli, Victor Sladden, u Lawrence Vassallo. L-applikazzjoni tinsab on hold minħabba raġunijiet tekniċi. Kien maqbul li ssir site-visit mill-personnel tal-MEPA, liema site-visit għad ma saritx sal-ġurnata tal-lum. Il-Kunsill ser jibqa' jsegwi b'attenzjoni din l-applikazzjoni biex jimxi l-proċess.

Proprju dwar dan is-suġġett, il-Kunsill Lokali L-Iklin kien applika għall-iskema li nieda d-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Aċċessibilità aħjar fil-Lokalitajiet biex il-Kunsill jibbenifika minn fondi għal dan il-proġett. Fuq l-inizzjattiva tal-Kunsill, kien beda l-proċess mall-MEPA, billi tefa' applikazzjoni għand l-Awtorità għall-bini ta' Uffiċċju ġdid fi Triq Patri Anastasju Cuschieri, liema applikazzjoni swiet lil dan il-Kunsill Eur6,522.32c.

Proprju fuq dan is-suġġett, il-Ġimgħa 9 ta' Diċembru 2011, is-Sindku u s-Segretarju ġejna mistiedna għall-varar tal-iskema dwar Aċċessibilità aħjar fil-Lokalitajiet fejn il-Kunsill Lokali L-Iklin ikkwalifika taħt din l-iskema. L-Onor. Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said għadda l-commitment ta' Eur6,600 bħala għajnuna għal dan il-proġett.

## PROĠETT – SIT TA' SAN MIKIEL

Wara tliet snin oħra ta' stennija, reġa ġie approvat il-permess mingħand il-MEPA biex isir il-proġett fis-sit ta' Triq San Mikiel. Wara dan il-proċess, issa jmiss id-Dipartiment tal-Artijiet, biex joħroġ tender. Min-naħa tal-Uffiċċju qed isir *follow-up* mad-Dipartiment biex jitħaffef il-proċess.

## SERVIZZI PUBBLIĊI

Il-Kunsill qed jipprovdi numru ta' servizzi li jolqtu direttament lir-residenti ta' din il-lokalità. Kif semmejt fl-introduzzjoni ta' dan ir-rapport, il-maġġor parti tal-allokazzjoni li jgħaddi l-Gvern Ċentrali tmur biex jitħallsu l-kuntratti obbligatorji li huma servizzi li nipprovdu fil-lokal bħal ma huwa s-servizz tal-bulky refuse, is-servizz tal-ġbir tal-iskart, is-servizz tal-knis fit-toroq urbani u dawk rurali, eċċ.

L-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb tipprovdi servizzi oħra li huma ta' benefiċċju għall-komunità fejn naċċettaw ċnus tal-Gvern, ħlas tal-liċenzji tal-ħwienet, ħlas tal-kontravenzjonijiet, permessi, u jipprovdi assistenza u tagħrif dwar applikazzjonijiet varji, u s-servizz tal-internet. L-Uffiċċju huwa miftuħ għall-pubbliku biex jinqeda mit-Tnejn sal-Ġimgħa filwaqt li nifitħu wkoll l-Uffiċċju s-Sibt filgħodu għall-benefiċċju ta' ta' dawk li jaħdmu l-ġimgħa kollha.

F'Novembru li għadda, irriżenjat Mariella Azzopardi li kienet impjegata mall-Kunsill fuq bażi *part-time*. Fil-preżent, il-Kunsill qiegħed fil-proċess biex jingaġġa impjegat/a bl-istess kundizzjonijiet biex l-amministrazzjoni tibqa' tagħti l-aħjar servizz possibbli.

Matul din is-sena, reġa sar ħafna xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalità li kienu jinkludu refreshing ta' roade markings, tindif tal-ispralli, tal-ilma tax-xita, *re-instatement works* li kienu jinkludu *road patching*, manutenzjoni regolari tal-*playingfield*, u xogħol ieħor relatat. Dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-IPSL Ltd u tal-ETC.

## ATTIVITAJIET

Il-Kunsill organizza attivitajiet edukattivi, kulturali, sportivi, u soċjali li kienu mmirati għal kulħadd. Innutajt b'interess il-koperazzjoni li teżisti fost l-għaqdiet tal-lokal li huma Iklin Scout Group, Lija/Iklin Football Youth Nursery, u l-Parroċċa.

Matul is-sena il-Kunsill Lokali organizza numru ta' attivitajiet sportivi permezz ta' skema li ħareġ id-Dipartiment 'Local Councils Sport Initiative scheme'. Matul is-sena ġew organizzati żewġ korsijiet tal-Pilates u l-Aerobics, u sessjonijiet tal-għawm fil-pixxina nazzjonali li minnhom ibbenifikaw ir-residenti u t-tfal tal-lokalità. Dawn l-attivitajiet sportivi setgħu isiru għaliex l-iskema toffri l-vantaġġ li l-ispejjeż jiġu mħallsa 50-50 mall-Kunsill.

F'Settembru 2011, il-Kunsill Lokali organizza Jum L-Iklin fejn ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Knisja Parrokkjali nhar l-10 ta' Settembru bis-sehem tal-Iklin Scout Group. Fit-13 ta' Settembru ġiet organizzata Ħarġa kulturali ġewwa Ħaġar Qim fejn l-attendenza kienet waħda nkoraġġanti. Fis-16 ta' Settembru ġiet organizzata serata mużiko-letterarja f'Wesgħa J.B. Scicluna. It-tema magħżula għal din is-sena kienet 'il-Volontarjat'. Din is-serata kienet speċjali għaliex ittellgħet b'talent lokali.

Is-Sindku Anthony Dalli għamel diskors tal-okkażjoni u tkellem fuq ix-xogħol kollu li sar matul din il-leġiżlatura. Ġie mistieden Prof. Charles Briffa fejn għamel taħdita ferm interessanti fejn għażel personalitajiet letterarji li isimhom iżejjen it-toroq tal-Iklin li kienu jħaddnu magħhom l-ispirtu tal-volontarjat. Il-parti mużikali kienet adatta għall-gosti ta' kulħadd. Fi tmiem is-serata, is-Sindku Dalli ppreżenta memento bħala apprezzament lill-ex-Segretarju s-Sur Alfred Naudi li temm il-karriera tax-xogħol tiegħu f'Lulju li għadda, u tifkira ta' apprezzament lill-ex-kunsilliera Kris Scicluna u Frank St. John tas-servizz li huma taw fil-Kunsill Lokali L-Iklin.

Dakinnhar stess, ġiet inawgurata lapida kommemorattiva mis-Sindku Dalli fl-okkażjoni tal-10 anniversarju mit-twaqqif tal-Iklin Scout Group fil-preżenza tal-kunsilliera u l-mistiedna preżenti.

## EUROPEAN WEEK FOR WASTE REDUCTION

Il-Kunsill Lokali L-Iklin ipparteċipa f'kampanja biex jitnaqqas l-iskart mnedija minn WasteServ Malta Ltd bejn id-19 ta' Novembru u s-27 ta' Novembru 2011. Il-Kunsill Lokali L-Iklin ħejja flyer b'informazzjoni utli dwar kif jista' jitnaqqas l-iskart u tqassmet bieb bieb fil-lokalità bil-għan li jkun hawn aktar għarfien u sabiex inkunu aktar konxji tal-effetti fuq l-ambjent ta' madwarna.

## GĦELUQ

Wasalt biex nikkonkludi dan ir-rapport dwar il-ħidma amministrattiva u l-operat tal-Kunsill għas-sena 2011. Nagħlaq dan ir-rapport billi nirringrazzja lis-Sindku u l-Kunsilliera tas-support li sibt u tal-impenn sħiħ tagħhom għall-ġid ta' din il-lokalità. Ma' dan irrid nirringrazzja wkoll lill-impjegati tal-Kunsill, il-ħaddiema tal-IPSL Ltd, u fl-aħħar u mhux l-anqas lilkom ir-residenti li bl-ilmentu u s-suġġerimenti tagħkom tgħinnu lill-Kunsill biex ikompli jaħdem biex iġib 'il quddiem il-lokalità tal-Iklin.

Etienne Montfort
Segretarju Eżekuttiv
15/12/2011

## Kontijiet Bankarji.

Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank fil-31/12/2011

| Bank | Kont tal-Bank | Eur |
|---|---|---|
| HSBC | Kont Kurrenti | 61,660.00 |
| | Kont Savings | 33,571.17 |
| | Kont Fiss (1) | 9,448.00 |
| | Kont Fiss (2) | 7,040.68 |
| | Total | 111,719.85 |
| | Zid il-Petty Cash | 69.88 |
| | Bilanċ Totali | 111,789.73 |

Etienne Montfort
Segretarju Eżekuttiv

YEAR 2012

**Iklin Local Council** **Annual Budget 2012**

***Estimates of Income and Expenditure (cont.)***

## 2.2 Detailed Estimates of Income

| ACCT NO. | DESCRIPTION | a<br>BUDGET 2011 Eur | b<br>ACTUAL 2011 Eur | c<br>BUDGET 2012 Eur | c-a<br>VAR BUD-BUD Eur | c-b<br>VAR BUD-ACT Eur |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | | | | | |
| 0001 | Annual | 215,250.00 | 215,248.00 | 226,088.00 | 10,838.00 | 10,840.00 |
| 0002 | Supplementary | 500.00 | - | 1,000.00 | 500.00 | 1,000.00 |
| 0003 | Special needs | 16,318.00 | 13,925.00 | 16,404.00 | 86.00 | 2,479.00 |
| 0004 | Public/government entities | - | - | - | | |
| 0015 | Other | - | - | - | | |
| | | **232,068.00** | **229,173.00** | **243,492.00** | **11,424.00** | **14,319.00** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | | |
| 0021 | Community Services | - | 3,776.00 | | | (3,776.00) |
| 0036 | Contravention of bye-laws | - | 31,337.00 | | | (31,337.00) |
| 0056 | Contributions and donations | 5,500.00 | 2,018.00 | 2,000.00 | (3,500.00) | (18.00) |
| 0066 | General | 6,000.00 | 1,971.00 | 6,000.00 | | 4,029.00 |
| | | **11,500.00** | **39,102.00** | **8,000.00** | **(3,500.00)** | **(31,102.00)** |
| 0090 | Investment | | | | | |
| 0091 | Bank interest | 1,500.00 | 238.00 | 1,000.00 | (500.00) | 762.00 |
| 0096 | Government securities | | | | | |
| | | **1,500.00** | **238.00** | **1,000.00** | **(500.00)** | **762.00** |
| | **TOTAL** | **245,068.00** | **268,513.00** | **252,492.00** | **7,424.00** | **(16,021.00)** |

## Iklin Local Council

**Annual Budget 2012**

***Estimates of Income and Expenditure (cont.)***

### 2.3 Detailed Estimates of Expenditure

| | | a | b | c | a-c | b-c |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **ACCT NO.** | **DESCRIPTION** | **BUDGET 2011 Eur** | **ACTUAL 2011 Eur** | **BUDGET 2012 Eur** | **VAR BUD-BUD Eur** | **VAR BUD-ACT Eur** |
| **1** | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | | | | | |
| 1100 | Mayor's/Councillors' allowance | 15,323.00 | 12,001.00 | 12,780.00 | 2,543.00 | (779.00) |
| 1200 | Employee salaries and wages | 40,910.00 | 46,823.00 | 41,927.00 | (1,017.00) | 4,896.00 |
| 1300 | Bonuses | 3,155.00 | 2,430.00 | 3,326.00 | (171.00) | (896.00) |
| 1400 | Income supplements | 233.00 | 233.00 | 233.00 | | |
| 1500 | Social Security contributions | 3,600.00 | 4,225.00 | 4,077.00 | (477.00) | 148.00 |
| 1600 | Allowances | - | - | - | | |
| 1700 | Overtime | - | - | - | | |
| | | **63,221.00** | **65,712.00** | **62,343.00** | **878.00** | **3,369.00** |
| 2000 | Operations and maintenance | | | | | |
| 2100 | Utilities | 5,368.00 | 7,169.00 | 5,800.00 | (432.00) | 1,369.00 |
| 2200 | Materials and supplies | 2,250.00 | 3,517.00 | 3,000.00 | (750.00) | 517.00 |
| 2300 | Repair and upkeep | 6,500.00 | 8,649.00 | 7,046.00 | (546.00) | 1,603.00 |
| 2400 | Rent | 10,036.00 | 10,950.00 | 10,996.00 | (960.00) | (46.00) |
| 2500 | International memberships | - | 588.00 | - | | 588.00 |
| 2600 | Office services | 2,265.00 | 3,875.00 | 2,808.00 | (543.00) | 1,067.00 |
| 2700 | Transport | 2,616.00 | 3,634.00 | 3,016.00 | (400.00) | 618.00 |
| 2800 | Travel | - | - | - | | |
| 2900 | Information services | 2,398.00 | 606.00 | 2,432.00 | (34.00) | (1,826.00) |
| 3000 | Contractual services | 73,238.00 | 58,922.00 | 74,026.00 | (788.00) | (15,104.00) |
| 3100 | Professional services | 3,914.00 | 12,505.00 | 7,316.00 | (3,402.00) | 5,189.00 |
| 3200 | Training | - | - | - | | |
| 3300 | Community and hospitality | 6,255.00 | 11,527.00 | 6,255.00 | | 5,272.00 |
| 3400 | Incidental expenses | - | 1,076.00 | 250.00 | (250.00) | 826.00 |
| | | **114,840.00** | **123,018.00** | **122,945.00** | **(8,105.00)** | **73.00** |
| 7000 | Capital Expenditure | | | | | |
| 7001 | Acquisition of property | | | | | |
| 7100 | Construction | 46,416.00 | 94,814.00 | - | 46,416.00 | 94,814.00 |
| 7200 | Improvements | 3,109.00 | 6,096.00 | 20,000.00 | (16,891.00) | (13,904.00) |
| 7300 | Equipment | 1,164.00 | - | 5,100.00 | (3,936.00) | (5,100.00) |
| 7500 | Special programmes | 16,318.00 | - | 42,104.00 | (25,786.00) | (42,104.00) |
| | | **67,007.00** | **100,910.00** | **67,204.00** | **(197.00)** | **33,706.00** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL** | **245,068.00** | **289,640.00** | **252,492.00** | **(7,424.00)** | **37,148.00** |

## Iklin Local Council

## *Estimates of Income and Expenditure*

## Annual Budget 2012

### 2.1 Consolidated Estimates of Income and Expenditure

| | | a | b | c | c-a/a-c | c-b/b-c |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **ACCT NO.** | **DESCRIPTION** | **BUDGET 2011 Eur** | **ACTUAL 2011 Eur** | **BUDGET 2012 Eur** | **VAR BUD-BUD Eur** | **VAR BUD-ACT Eur** |
| **2** | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | 232,068.00 | 229,173.00 | 243,492.00 | 11,424.00 | 14,319.00 |
| 0020 | Bye-laws | 11,500.00 | 39,102.00 | 8,000.00 | (3,500.00) | (31,102.00) |
| 0090 | Investment | 1,500.00 | 238.00 | 1,000.00 | (500.00) | 762.00 |
| | TOTAL | **245,068.00** | **268,513.00** | **252,492.00** | **7,424.00** | **(16,021.00)** |
| **1** | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal emoluments | 63,221.00 | 65,712.00 | 62,343.00 | 878.00 | 3,369.00 |
| 2000 | Operations and maintenance | 114,840.00 | 123,018.00 | 122,945.00 | (8,105.00) | 73.00 |
| 7000 | Capital Expenditure | 67,007.00 | 100,910.00 | 67,204.00 | (197.00) | 33,706.00 |
| | TOTAL | **245,068.00** | **289,640.00** | **252,492.00** | **(7,424.00)** | **37,148.00** |
| | **Balance** | **-** | **(21,127.00)** | **-** | **0.00** | **(53,169.00)** |

**Rapport tal-Awditur (*mill-Kumpanija tal-Awdituri Grant Thornton*)**

Aqleb fuq Wara.